MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 58/2020 LM

**Nang Sam Zammit**
*('l-appellata')*

***vs.***

**The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, (minn issa 'l quddiem 'il-Bord'), tal-31 ta' Awwissu, 2020 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata') li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi l-appell li r-rikorrenti **Nang Sam Zammit**, hawnhekk

'l-appellata', ressqet quddiemu mid-deċiżjoni tad-Direttur intimat tas-16 ta' Settembru, 2020 għandu jiġi milqugħ, filwaqt li ddeċieda wkoll li r-rikorrenti għandha titħalla tippreżenta kull applikazzjoni li hija tqis li għandha tippreżenta, u din l-applikazzjoni għandha tiġi kkonsidrat b'imparzjalità.

## Fatti

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lilha fit-18 ta' Ottubru, 2019 ir-rikorrenti ġiet infurmata mid-Direttur intimat li ladarba hija u r-raġel tagħha ma kinux għadhom qegħdin jgħixu flimkien, hija ma setgħetx tibqa' titqies bħala persuna eżenti skont l-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Hija ġiet infurmata wkoll li in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-permess ta' residenza li kien inħareġ fir-rigward tagħha fid-29 ta' Settembru, 2017, ma kienx għadu meqjus validu sabiex hija tibqa' tirrisjedi f'Malta u sabiex tgawdi mill-moviment liberu fiż-Żona Schengen. Ir-rikorrenti ntalbet tattendi fl-Expatriates Unit tal-Aġenzija Identity Malta sabiex tiddiskuti l-istatus tagħha mad-Direttur intimat.

## Mertu

3. Fl-ilment tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegat li hija waslet Malta f'Ġunju tal-2013, u iżżewġet lil Jairzinho Zammit, persuna ta' nazzjonalità Maltija fit-2 ta' Mejju, 2015. Qalet li hija ngħatat permess ta' residenza fid-29 ta' Settembru, 2017 abbażi tal-artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hija ġiet infurmata wkoll li kienet qiegħda tiġi eskluża mill-applikabilità tar-

Regoli taħt il-Parti IV tal-Att għaliex hija meqjusa bħala 'membru tal-familja'. Ir-rikorrenti qalet li fit-22 ta' Ottubru, 2019 hija rċeviet ittra mill-Expatriates Unit tal-Aġenzija Identity Malta fejn hija ġiet infurmata li ma kinitx qiegħda titqies aktar bħala persuna eżenti, u li l-permess ta' residenza tagħha ma kienx għadu meqjus validu u għalhekk ma tistax tużah aktar sabiex tibqa' tirrisjedi f'Malta jew sabiex ikollha moviment liberu fiż-Żona Schengen. Ir-rikorrenti spjegat li r-revoka tal-permess ta' residenza tagħha hija mingħajr bażi legali, għaliex din id-deċiżjoni ttieħdet abbażi ta' informazzjoni miżmuma mid-Direttur intimat, u dan meta r-rikorrenti ma ġietx infurmata l-informazzjoni li kellu fil-pussess tiegħu d-Dipartiment x'kienet, jew kif inkisbet. Ir-rikorrenti qalet ukoll li r-raġel tagħha huwa impjegat ma' Identity Malta, u għalhekk kull informazzjoni miksuba *tramite* r-raġel tagħha ma tistax titqies li inkisbet b'mod oġġettiv, jew li hija prova kredibbli dwar is-sitwazzjoni tar-rikorrenti. Kompliet tgħid li irrispettivament mis-sors u l-kontenut ta' din l-informazzjoni, hija qatt ma ġiet ikkonsultata mid-Direttur intimat jew intalbet tagħmel sottomissjonijiet sabiex tiddefendi l-pożizzjoni tagħha. Qalet ukoll li din id-deċiżjoni tikser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, speċifikament ir-regola tal-*audi alteram partem,* u għalhekk hija leżiva tal-jeddijiet tagħha. Ir-rikorrenti kompliet tispjega li riċentement ir-raġel tagħha fetaħ proċeduri ta' medjazzjoni bil-ħsieb li eventwalment tiġi dikjarata s-separazzjoni personali minn xulxin. Qalet li hija kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali minħabba imġiba abbużiva u kontrollanti da parti tar-raġel tagħha, u hija kellha titlaq mid-dar matrimonjali wara inċident partikolari fejn ir-raġel tagħha sakkarha barra għax naqset milli tirritorna lura d-dar fil-ħin impost minnu. Ir-rikorrenti qalet li f'dan l-istadju hija għadha qiegħda tesplora x'inhuma r-rimedji legali għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż il-possibilità li titlob

lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tikkonċedilha d-dritt li tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali. Ir-rikorrenti kkonkludiet billi qalet li d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur intimat hija waħda illegali għaliex tmur kontra s-salvagwardji proċedurali, hija żbaljata u mhijiex raġonevoli u ma tindikax li l-poter diskrezzjonali li kellu d-Direttur intimat, intuża b'mod raġonevoli. Ir-rikorrenti kkonkludiet billi talbet lill-Bord jirrevoka d-deċiżjoni li ħa d-Direttur intimat li l-permess ta' residenza tagħha ġie iddikjarat lil huwa null.

4. Id-Direttur intimat wieġeb li r-rikorrenti ngħatat permess ta' residenza abbażi tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni għaliex hija kienet miżżewġa u kienet tgħix ma' ċittadin Malti. Qal li l-Kostituzzjoni ta' Malta tiddefinixxi u tiddetermina min għandu dritt għal-libertà tal-moviment, id-dritt li jgħix Malta, u min għandu d-dritt li jitlaq minn Malta u li jidħol lura Malta. Qal li l-artikolu 44(4)(ċ) tal-Kostituzzjoni jistipula li l-mara ta' ċittadin Malti, jew kull persuna li għandha l-libertà tal-moviment tibqa' tgawdi dan id-dritt sakemm din tibqa' tgħix mal-konjuġi tagħha, u l-Att dwar l-Immigrazzjoni jgħid ukoll li l-konjuġi ta' ċittadin Malti għandu jkollu l-libertà tal-moviment jew status ta' persuna eżenti jekk dan ikun miżżewweġ persuna ta' nazzjonalità Maltija u sakemm ikun għadu jgħix ma' din il-persuna. Qal li għalhekk persuna li ma tibqax tgħix mal-konjuġi tagħha, awtomatikament titlef id-dritt tal-libertà tal-moviment u l-istatus ta' persuna eżenti f'każ li din ma tibqax tgħix mar-raġel jew mara tagħha. Id-Direttur intimat qal li fis-17 ta' Ottubru, 2019 l-avukat difensur tar-rikorrenti kien informa lil Identity Malta li r-rikorrenti u r-raġel tagħha ma kinux għadhom jgħixu flimkien u li r-raġel kien istitwixxa proċeduri ta' separazzjoni fil-konfront ta' martu. Qal li kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li l-permess ta' residenza

tar-rikorrenti jiġi revokat abbażi tal-artikolu 4(1)(g) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Qal ukoll li Identity Malta ma tidħolx fi kwistjonijiet familjari tal-individwi li jkollhom applikazzjoni pendenti quddiemha.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Awwissu, 2020, il-Bord laqa' l-appell tar-rikorrenti, u ta direzzjoni fis-sens li din għandha titħalla tressaq kwalsiasi applikazzjoni li hi tqis li għandha tressaq, filwaqt li kompla jgħid li kull rikors jew applikazzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi deċiża b'imparzjalità, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"The Board:-*

*Saw the decision issued by the Director dated 18th October, 2019 which informed Mrs Zammit that as she and her husband were no longer living together, she was no longer considered an exempt person according to Article 4(1) of the Immigration Act;*

*Saw that the relative appeal was filed on 25th October, 2019;*

*Saw that the Director filed no reply; and*

*Examined all the submissions filed.*

***<u>The iter of the case</u>***

*Through legal counsel, the appellant filed an appeal containing the following points:*

- *The precise wording of Identity Malta's decision was:* "From the information held at this Department, it would appear that you and your husband are not living together."
- *Identity Malta's decision implies that its information is unverified and that its decision is based not on fact, but on what seems to be the case (according to its unverified information);*

- *The appellant's husband is an employee of Identity Malta and any information obtained from him cannot be deemed objective, unbiased and reliable;*
- *Irrespective of the source and content of the relative information, the appellant was at no point consulted or given the opportunity to make any submissions. Such was in breach of the natural justice, including the* audi alteram partem *rule. Reference was made to* ***Said International Limited vs. Bank Ċentrali ta' Malta****, decided on 12th December 2011;*
- *The appellant's husband filed mediation proceedings against the appellant in order to conclude personal legal separation. As of the date the appeal was filed, the reference number of the proceedings is 828/19 before Mediator Antoinette Gatt Rutter in the names* ***Jairzinho Zammit vs. Nang Sam Zammit****;*
- *The appellant was constrained to leave the matrimonial home for her own safety as her husband was abusive and extremely controlling. The appellant had left as her husband had locked her out of the house and refused her entry as she allegedly breached a curfew which he had imposed on her that day;*
- *The relative decision is undoubtedly illegal and unreasonable and does not reflect a desirable exercise of discretionary powers in decision-making.*

*On 16th December, 2019, the Board's secretariat sent an e-mail to appellant's legal counsel in order to inform her that the case was to be heard on 14th January, 2020. This hearing was eventually moved to 28th January, 2020.*

*During the relative sitting, the appellant was represented by Mark Sultana, who explained that the appellant required a number of weeks to compile documentation which exceeded the three-week deadline given by Identity Malta. It was the case that Identity Malta was refusing to accept the application for a Single Permit as she allegedly failed to abide by the three-week limit indicated on the Director's decision. Mr Sultana provided copies of e-mails which he had sent to Dr Cynthia Tomasuolo, legal counsel to Identity Malta, to which he had received no reply.*

*During the sitting, the Board stated that it had to hear Identity Malta's side of the story as no reply had been filed by the latter. On 29th January, 2020, the* proces-verbal *was sent to Identity Malta's legal counsel, Identity Malta had one week in order to file a reply.*

*The Board observed that by 12th February, 2020, hence over a week, no reply had been received. The Board therefore notes that Identity Malta filed no reply to the appellant's appeal and filed no submissions whatsoever in spite of the fact that it was informed.*

*As Identity Malta filed no reply or submissions and failed to attend the relative sitting, the Board has no choice but to rely on the appellant's submissions.*

***Considerations of this Board***

*The gravest part of this case is the fact that it seems that the appellant's husband used his position at Identity Malta as a weapon against his wife. If it is true that Identity Malta obtained the information through Mr Zammit, one of their own employees, such would constitute abuse of power to an untold degree. This allegation has been made by the appellant and has not been rebutted by Identity Malta.*

*The case takes on even greater gravity considering that the appellant alleges that her husband behaved violently and abusively towards her. Now, it seems that her husband is using his position at an agency established by law to make life harder for his wife.*

*Although Identity Malta, particularly its section dedicated to expatriates, is the entity which most deals with foreigners and exists to regulate the immigration status of foreigners in Malta, it must certainly never be co-opted as a weapon in the arsenal of an allegedly abusive husband.*

***The Board unhesitatingly states first of all that Identity Malta must clearly and honestly state from where and from whom it got the information mentioned in its decision. Second of all, Identity Malta should have the good sense to realise that if such information was obtained from the husband, then such information cannot be considered reliable and cannot be acted upon, especially as it is unverified.***

***To reject this appeal in view of these considerations would be to completely ignore the principles of natural justice and to perpetuate a travesty of justice.***

*According to the documentation submitted by the appellant, separation proceedings are taking place. The appellant has a right to participate in these proceedings. In order to do so, she must remain in Malta.*

*During the sitting, it was stated that Identity Malta was refusing to accept an application which the appellant tried to submit.*

*By refusing the appellant the chance to lodge an application, the Board would automatically be siding with the husband in this dispute of a marital nature. It would be tantamount to allowing the husband, who is in a position of greater power, to decide the fate of his wife. Such would be grossly improper.*

***Decision***

> *Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, the Board accepts the appeal, directs that the appellant be allowed to file any application which she deems necessary to file and further directs that such application be treated with complete impartiality.*
>
> *The Board orders that this decision be served on the parties immediately and without delay."*

## **L-Appell**

6. Id-Direttur appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fl-24 ta' Settembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-31 ta' Awwissu, 2020, wara li spjega r-raġunijiet għalfejn huwa ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni. L-appellant qal li huwa ħass ruħu aggravat għal erba' raġunijiet ewlenin: (i) li mhux minnu illi Identity Malta ma ppreżentatx risposta fl-atti tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, kif qal il-Bord fil-konsiderazzjonijiet tiegħu; (ii) li mhuwiex minnu li Identity Malta straħet fuq informazzjoni li mhijiex veritiera, jew li ma vverifikatx tali informazzjoni dwar l-istatus maritali tal-appellata; (iii) li abbażi tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, id-deċiżjoni ta' Identity Malta kienet legalment korretta; (iv) li Identity Malta ma tiddeterminax proċeduri ta' separazzjoni jew tieħu sehem fi proċeduri bħal dawn.

7. Id-Direttur appellant spjega li mhuwiex minnu li l-Aġenzija Identity Malta ma intavolat l-ebda risposta għall-appell ta' Nang Sam Zammit, u din ir-risposta daħlet fl-20 ta' Frar, 2020. Qal li l-Aġenzija qatt ma ġiet infurmata li kien hemm seduta f'Jannar tal-2020, u ġiet notifikata bl-appell ta' Nang Sam Zammit fid-29

ta' Jannar, 2020. Qal li kien għalhekk li l-Aġenzija m'għamlet l-ebda sottomissjonijiet qabel din id-data għaliex hija ma setgħetx tagħmel sottomissjonijiet dwar appell li baqgħet ma ġietx notifikata bih. Qal li għalhekk il-Bord għażel li ma jikkonsidrax is-sottomissjonijiet tal-Aġenzija, u dan bi ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem.*

8. Fit-tieni lok, l-appellant qal li mhux minnu li Identity Malta straħet fuq informazzjoni li mhix veritiera jew li din naqset li tivverifika din l-informazzjoni. Kompla jgħid li mhux minnu li Identity Malta straħet fuq informazzjoni mogħtija mir-raġel tal-appellata, u kien ir-rappreżentant legali tar-raġel tal-appellata li informa lill-Aġenzija li l-koppja kienet għaddejja minn separazzjoni personali.

9. L-appellant kompla jgħid li abbażi tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, id-deċiżjoni ta' Identity Malta kienet waħda legalment korretta, u hija bbażata fuq fatti mhux kontestati, jiġifieri dik li l-appellata u r-raġel tagħha waqfu milli jgħixu flimkien. Qal li kien għalhekk li d-deċiżjoni tiegħu ġiet mgħarrfa lill-appellata permezz ta' ittra tat-18 ta' Ottubru, 2019, fejn din ingħatat tliet ġimgħat sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha.

10. L-appellant qal li r-rwol ta' Identity Malta huwa li timmaniġġja l-proċess ta' permessi ta' residenza u immigrazzjoni ta' *third country nationals* u mhux li tiddetermina vertenzi ta' natura familjari. Qal li ladarba l-Aġenzija tirrevoka l-*exempt status,* il-persuna involuta awtomatikament titlef id-dritt li tirrisjedi u taħdem f'Malta, u tingħata tliet ġimgħat sabiex tagħmel kuntatt mal-Aġenzija bil-għan li tirregola ruħha. L-appellant qal li l-appellata kienet taf li hija setgħet tagħmel komunikazzjoni ma' Identity Malta sabiex tirregola ruħha, iżda minflok

hija għażlet li tintavola appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. L-appellant qal li għalhekk ma kienx hu li ma tax l-opportunità lill-appellata, iżda kienet hi li għażlet li tiskarta l-opportunità li tirregolarizza l-istatus tagħha.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. L-appellata wieġbet illi s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni hija ġusta, tajba u timmerita konferma, filwaqt li kompliet tgħid li l-appell għandu jiġi miċħud. Fl-ewwel lok eċċepiet li l-appell huwa null għaliex ma sarx fit-terminu preskritt fl-artikolu 25(8) tal-Kap. 217, u għaliex ma sarx dwar punt ta' dritt, ossija sar dwar punti ta' fatt maskerati taħt punti ta' dritt ineżistenti. Qalet li mhux minnu li l-appellant ma ngħatax smigħ xieraq. L-appellata spjegat li hija kienet ressqet appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni *ai termini* tal-artikolu 25A(5) tal-Kap. 217, għaliex ħassitha aggravata bid-deċiżjoni ta' Identity Malta li rrevokatilha l-permess ta' residenza tagħha. L-appellata qalet li anki l-ewwel linja tal-ittra li ntbagħtet lilha, tindika li d-deċiżjoni tad-Direttur appellant ittieħdet abbażi ta' dak li "jidher li huwa l-każ", u mhux fuq informazzjoni li ġiet verifikata. Qalet li r-raġel tagħha huwa impjegat ta' Identity Malta, u għalhekk wieħed faċilment jasal għal konklużjoni dwar kif l-appellant kiseb informazzjoni dwar il-ħajja privata tal-koppja. L-appellata qalet li anki l-Bord wasal għall-konklużjoni li kwalunkwe informazzjoni li r-raġel tagħha seta' kellu fuq il-każ, ma kinitx oġġettiva, u għalhekk kienet preġudikata u mhux ta' min jorbot fuqha. Qalet ukoll li jkun ferm inġust u illegali li biex wieħed jelimina lil martu minn ħajtu, dan ikeċċiha mid-dar sabiex b'hekk

titlef il-permess ta' residenza u jkollha titlaq minn Malta. L-appellata qalet li Identity Malta naqset milli tieħu konjizzjoni tal-fatti u ma għamlet l-ebda apprezzament tagħhom meta injorat il-pożizzjoni tal-appellata fil-ħajja matrimonjali u qabdet u ddeċidiet dwar il-futur tal-appellata billi ffavoriet il-pożizzjoni ta' żewġha, l-impjegat ta' Identity Malta. L-appellata qalet li kien għal dawn ir-raġunijiet serji li l-Bord qies li l-appell imressaq minnha għandu jiġi milqugħ u dderiġa lill-Aġenzija Identity Malta taċċetta kwalunkwe applikazzjoni li l-appellata tħoss li għandha tressaq, kif ukoll ta direzzjoni sabiex kull applikazzjoni mressqa mill-appellata tiġi pproċessata b'imparzjalità assoluta. L-appellata qalet li hija taqbel ma' dawn il-konklużjonijiet u għalhekk qiegħda titlob konferma tagħhom.

12. L-appellata spjegat li hija miżżewġa lil Jairzhinho Zammit, u għandha permess ta' residenza bħala persuna eżentata *ai termini* tal-artikolu 4(1)(g) tal-Kap. 217, u għalhekk hija għandha dritt li tgħix u taħdem hawn Malta. Qalet li l-funzjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni mhijiex regolata mill-Kap. 217, imma hija regolata bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17 li tgħid li l-Bord għandu jeżamina l-legalità tad-deċiżjoni tat-tneħħija, il-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-miżura proposta, u għandu jiżgura li d-deċiżjoni mhijiex sproporzjonata. L-appellata qalet li l-liġi tagħti ċerti setgħat lill-Bord, tirregola l-mod kif jista' jsir appell minn deċiżjoni tal-Bord, u skont l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord għandhom isiru quddiem din il-Qorti tal-Appell fi żmien għaxart ijiem, u d-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief dwar punti ta' dritt. L-appellata qalet li l-appellant bbaża l-appell tiegħu fuq punti ta' fatt u mhux fuq punti ta' dritt, bil-konsegwenza li dan

l-appell huwa null. Qalet ukoll li l-appell odjern ġie ppreżentat tard, għaliex l-għaxart ijiem għall-preżentata tal-appell kellhom jibdew jiddekorru mill-31 ta' Awwissu, 2020, jiġifieri minn meta ngħatat id-deċiżjoni u mhux minn meta Identity Malta rċeviet jew ingħatat kopja tad-deċiżjoni. Qalet li dan l-appell ġie ppreżentat tard, u għalhekk huwa null, invalidu u bla efett. Kompliet tgħid li huwa inutli li l-Aġenzija Identity Malta tipprova tiskuża l-inosservanza tat-terminu min-naħa tagħha, billi tgħid li d-deċiżjoni waslet għandha fil-15 ta' Settembru, 2020, u dan għaliex il-liġi ma tgħidx illi t-terminu jibda jiddekorri minn meta parti ssir taf bid-deċiżjoni. Fi kwalunkwe każ Identity Malta kienet hija stess parti mill-proċeduri quddiem il-Bord, u konsegwentement kellha responsabbilità ssegwihom b'mod sħiħ u mhux toqgħod passiva u tippretendi li t-terminu jibda jiddekorri minn meta trid hi.

13. L-appellata għamlet riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, li jgħid li t-tribunal amministrattiv għandu jagħti lil kull parti l-opportunità li tippreżenta l-każ tagħha bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, u l-Bord għandu diskrezzjoni assoluta dwar kif għandu jitmexxa l-proċediment quddiemu. L-appellata qalet li fil-każ odjern id-Direttur intimat ngħata l-istess opportunità li jressaq id-dokumenti relattivi sabiex jissostanzja l-pożizzjoni tiegħu, iżda dan naqas milli jagħmel dan, tant hu hekk li lanqas intavola risposta. Issa qiegħed jilmenta li ma ngħatax smigħ xieraq.

14. L-appellata qalet li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għaliex l-appell huwa null u ma jiswiex. Qalet li dan l-

appell ġie ppreżentat tard u għalhekk huwa null u mingħajr effett, u huwa wkoll null għaliex l-aggravji huma msejsa fuq punti ta' fatt, xi ħaġa li mhix permissibbli skont l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Qabel tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mid-Direttur appellant, din il-Qorti sejra tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-appellata, li fl-ewwel lok tgħid li dan l-appell huwa null għaliex ġie ppreżentat *fuori termine,* u fit-tieni lok għaliex l-appell ma sarx fuq punti ta' dritt. L-appellata tgħid li dan l-appell kellu jsir fi żmien għaxart ijiem minn meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Bord, u għalhekk il-fatt li ġie ppreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti erba' u għoxrin ġurnata wara, jirrendi l-appell null u mingħajr effett. L-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 jipprovdi illi:

> "Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw appell bħal dak."

16. Filwaqt li s-sub-artikolu (7) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217 jagħmilha ċara li t-terminu tal-appell quddiem il-Bord huwa ta' tlett ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għal appell, is-sub-artikolu (8) tal-istess artikolu ma jispeċifikax li t-terminu tal-appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord, huwa ta' għaxart ijiem minn

meta tingħata d-deċiżjoni, imma jgħid biss li huwa ta' għaxart ijiem. Huwa fatt magħruf li d-deċiżjonijiet tal-Bord normalment ma jingħatawx fil-preżenza tal-partijiet, u l-partijiet jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Bord permezz tal-posta reġistrata. Il-Qorti għalhekk mhijiex sejra tilqa' din l-eċċezzjoni tal-appellata, li l-appell imressaq mill-appellant huwa null għaliex ġie ppreżentat *fuori termine.* Il-Qorti tqis ukoll li mhuwiex minnu li l-appell tal-appellant ma sarx fuq punti ta' dritt imma fuq punti ta' fatt, u għalhekk anki din l-eċċezzjoni preliminari tal-appellata qiegħda tiġi miċħuda.

*[L-ewwel aggravju: mhux minnu li Identity Malta ma ppreżentatx risposta fl-atti tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni]*

17. Id-Direttur appellant qal li mhux minnu li huwa naqas li jippreżenta risposta fl-atti tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u għalhekk il-konsiderazzjoni tal-Bord li huwa naqas li jressaq risposta għar-rikors tal-appell tar-rikorrenti, hija żbaljata. Il-Qorti tqis li l-appell li ressqet r-rikorrenti quddiem il-Bord ġie ppreżentat fil-25 ta' Ottubru, 2019. Is-smigħ tal-appell l-ewwel ġie appuntat għall-14 ta' Jannar, 2020 u sussegwentement ġie appuntat għat-28 ta' Jannar, 2020. Waqt dan is-smigħ il-Bord irrileva li xtaq jisma' l-pożizzjoni ta' Identity Malta, li kienet għadha ma ressqet l-ebda risposta għall-appell tar-rikorrenti, u għalhekk fid-29 ta' Jannar, 2020, il-*proces-verbal* tal-atti li kellu quddiemu l-Bord intbagħtu lil Identity Malta. Sat-12 ta' Frar, 2020 Identity Malta kienet għadha ma daħħlet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell ippreżentat mir-rikorrenti, għalkemm mill-atti jirriżulta li din ir-risposta daħlet f'xi ġurnata wara t-12 ta' Frar, 2020. Il-Qorti qieset li r-risposta ppreżentata minn Identity Malta

tinkludi fiha *time-line* tal-fatti kif seħħew, u r-raġunijiet li abbażi tagħhom id-Direttur intimat iddeċieda li jirrevoka l-permess ta' residenza tal-appellata. Però il-Qorti tqis li mkien f'din ir-risposta ma ġew indirizzati jew imwieġba mid-Direttur appellant l-aggravji ewlenin li abbażi tagħhom ir-rikorrenti ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni tad-Direttur appellant quddiem il-Bord, fosthom li d-Direttur appellant aġixxa fuq informazzjoni li ma ġietx verifikata b'mod indipendenti u oġġettiv mar-rikorrenti, u li r-rikorrenti ma ġiet ikkonsultata fl-ebda waqt qabel ittieħdet id-deċiżjoni li l-permess ta' residenza tagħha jiġi revokat. Minkejja li d-Direttur appellant qiegħed jinsisti li huwa ressaq risposta għall-appell tar-rikorrenti quddiem il-Bord, anki jekk jirriżulta li din tressqet fi stadju inoltrat tal-proċeduri, ir-risposta tad-Direttur appellant ma kinitx suffiċjenti biex isserraħ moħħ il-membri tal-Bord li d-deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet mid-Direttur appellat ittieħdet b'imparzjalità u abbażi ta' fatti li ġew ivverifikati b'mod oġġettiv. Dan kien il-mertu tal-appell tar-rikorrenti quddiem il-Bord, u d-deċiżjoni tal-Bord fis-sustanza kienet tolqot dawn in-nuqqasijiet fl-aġir tal-intimat, li bl-ebda mod ma wieġeb għalihom fir-risposta tiegħu.

18. Il-Qorti tqis ukoll li fi proċeduri ta' din ix-xorta, qajla tista' titwemmen il-pożizzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi bħad-Direttur appellant, meta jgħidu li ma ġewx notifikati fil-ħin dwar xi seduta, jew meta jonqsu milli jdaħħlu r-risposta tagħhom fil-ħin, tenut kont li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom biżżejjed riżorsi sabiex jassiguraw li nuqqasijiet bħal dawn ma jitħallewx isiru. Il-Qorti ma tistax tifhem kif appell bħal dak li għamlet ir-rikorrenti kontra d-Direttur ta' aġenzija fejn huwa impjegat żewġha, u li fih jissemma isem żewġha, ma jiġix notifikat jew imwieġeb fit-terminu mogħti għar-risposta. Il-Qorti għalhekk tqis li hija

għalkollox fiergħa l-asserzjoni tad-Direttur appellant fejn jgħid li nkiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* għaliex jirriżulta li l-partijiet ingħataw żmien u opportunità ugwali sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet u jressqu l-każ tagħhom quddiem il-Bord. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhux mistħoqq u tiċħdu.

*[It-tieni aggravju: mhux minnu illi Identity Malta straħet fuq informazzjoni mhux veritiera jew li ma ġietx verifikata]*

19. Il-Qorti tqis li lil hinn minn dak li qiegħed jgħid l-appellant permezz ta' dan l-aggravju, jirriżulta li l-kritika tal-Bord kienet indirizzata l-aktar lejn il-fatt li Identity Malta naqset milli tivverifika l-informazzjoni li kellha għad-dispożizzjoni tagħha mar-rikorrenti, li hija l-parti l-aktar vulernabbli li ser tintlaqat ħażin bid-deċiżjoni li ħa d-Direttur appellant. L-appellant jgħid li huwa vverifika l-informazzjoni li ngħatatlu li l-appellata u r-raġel tagħha m'għadhomx jgħixu flimkien, wara li kien id-difensur legali tar-raġel tagħha stess li informa b'dan lill-Identity Malta. Il-Qorti tqis li l-kritika tal-Bord saret l-aktar għax fiċ-ċirkostanzi odjerni ma kienx hemmx *parity of arms* bejn ir-raġel tal-appellata li huwa impjegat ta' Identity Malta li qed tiddetermina l-istatus tal-appellata, u l-appellata li hija persuna barranija li qiegħda tgħid li sfat imkeċċija mid-dar matrimonjali, u li qiegħda tiffaċċja r-riskju li jkollha tħalli pajjiżna darba għal dejjem. Quddiem ċirkostanzi bħal dawn, ċertament li Identity Malta kellha tagħmel minn kollox sabiex tisma' l-verżjoni tal-appellata qabel tiddeċiedi li tirrevokalha l-permess ta' residenza tagħha, u mhux tisma' biss il-verżjoni tar-raġel tagħha, li ċertament ser jispiċċa f'sitwazzjoni vantaġġuża ferm f'każ li l-appellata jkollha tħalli pajjiżna qabel jiġu finalizzati l-proċeduri ta' separazzjoni.

Dawn huma kollha konsiderazzjonijiet li Identity Malta kellha tagħmel qabel tieħu deċiżjoni fir-rigward tal-istatus tal-appellata. Il-fatt li kien l-avukat difensur ta' impjegat ta' Identity Malta li informa lill-Aġenzija li l-koppja qegħdin fi proċeduri ta' separazzjoni, huwa biżżejjed biex jitfa' fuq l-Aġenzija l-oneru li tivverifika din l-informazzjoni b'mod imparzjali u mal-partijiet kollha involuti. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*[It-tielet aggravju: id-deċiżjoni ta' Identity Malta hija legalment korretta]*

20. L-appellant jgħid li huwa applika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni sabiex wasal għad-deċiżjoni li l-permess ta' residenza tal-appellata għandu jiġi revokat, u sa fejn jirriżulta li huwa mexa fuq dak li tipprovdi l-liġi, id-deċiżjoni tiegħu hija waħda legalment korretta. Il-Qorti tqis li in vista tal-konsiderazzjonijiet li għamlet aktar qabel, l-appellant kellu obbligu li ma joqgħodx fuq informazzjoni mogħtija lilu mill-avukat difensur ta' impjegat tad-dipartiment tiegħu sabiex jasal għal deċiżjoni li ser tħalli impatt daqstant kbir fuq l-appellata, imma kellu almenu jivverifika din l-informazzjoni magħha wkoll. F'ċirkostanzi bħal dawn, entità bħal dik immexxija mill-appellant, għandha tiżgura li turi rispett sħiħ lejn il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u obbligi legali oħra imposti fuqha, bħall-obbligu li tkun raġonevoli, imparzjali u trasparenti fl-operat tagħha. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*[Ir-raba' aggravju: Identity Malta ma tiddeterminax proċeduri ta' separazzjoni personali jew tieħu sehem f'tali proċeduri]*

21. Huwa ovvju li r-rwol ta’ Identity Malta mhux dak li tiddetermina kwistjonijiet dwar kunflitti matrimonjali. Imma fiċ-ċirkostanzi tal-proċeduri odjerni, fejn waħda mill-partijiet tista’ bid-deċiżjoni tad-Direttur appellant, tispiċċa f’sitwazzjoni fejn ikollha titlaq mill-pajjiż, u konsegwentement l-ħajja tal-parti l-oħra fiż-żwieġ tiġi aġevolata, id-Direttur appellant għandu joqgħod ferm attent u juża grad ta’ kawtela ferm akbar fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu. Il-Bord kien korrett meta kkonkluda li kif jidhru l-affarijiet minn barra, l-Identity Malta qiegħda tintuża bħala arma ta’ ġegħil mir-raġel tal-appellata sabiex dan jassigura li din ikollha titlaq mill-pajjiż u b’hekk jeħles minn ħafna mill-obbligi li jista’ jkun li jkollu jassumi ladarba l-proċeduri ta’ separazzjoni bejn il-partijiet jiġu fi tmiemhom. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

22. Il-Qorti ma ssib xejn x’tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Bord li laqa’ l-appell tal-appellata u ddeċieda li l-appellata għandha titħalla tippreżenta kull applikazzjoni li hija tista’ tqis neċessarja sabiex tassigura li ssir ġustizzja magħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-31 ta’ Awwissu, 2020.**

**Spejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tad-Direttur appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**